**PRIM` AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 104/2012 JZM**

**Peter Gatt (K.I. numru 287153M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Michael Moreland**

***kontra***

**Mark Schembri (K.I. 617062M) u martu Rita Schembri (K.I. Nru 208766M)**

***u***

**Vella Group Limited (C22149)**

***u***

**b`digriet tas-27 ta` Lulju 2020 l-Arkitett u Inginier Civili David Xuereb f`ismu proprju u f`isem id-ditta professjonali ta` Arkitetti, Inginieri Civili u Structural Consultants David Xuereb and Associates gew kjamati fil-kawza**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fit-2 ta` Frar 2012 li jaqra :–

*1. Illi l-attur huwa propjetarju tal-fond bl-isem Casa Salamanda, Triq l-Ghaqda, Santa Marija Estate, Mellieha.*

*2. Illi l-konvenuti konjugi Schembri huma sidien tal-fond ossia s-sit numru mija u wiehed u sebghin (171), Triq il-Hena, f`Santa Maria Estate, Mellieha, liema sit jigi biswit id-dar tal-attur izda f`livell aktar baxx minn dak okkupat mill-proprjeta tal-attur.*

*3. Illi f`Ottubru 2010 waqt li kienu qed isiru xoghlijiet ta` skavar gewwa l-proprjeta` tal-konvenuti konjugi Schembri, liema xoghlijiet ta` skavar kienu qed jigu ezegwiti mis-socjeta konvenuta Vella Group Limited fuq inkarigu tal-konjugu Schembri, giet kawzata hsara ngenti fil-proprjeta` tal-attur fis-sens illi l-pixxina li tinsab fil-gnien ta`wara tal-imsemmi proprjeta` giet spostata ghal kollox bir-riskju li din kienet ser titkaxkar 'l isfel ghal fuq il-fond tal-konjugi Schembri li kieku ma sarux xoghlijiet immedjati sabiex l-istess pixxina ma tingarrx b`kollox ghal isfel u liema xoghlijiet saru kemm mis-socjeta` konvenuta kif ukoll minn terzi.*

*4. Illi apparti dawn il-hsarat fil-pixxina, il-proprjeta` tal-attur garrbet hsarat ohra konsiderevoli u tali li rrendew l-istess proprjeta` mhux abitabbli.*

*5. Illi dawn il-hsarat fil-proprjeta` tal-attur gew kkawzati bi htija u responsabbilta` tal-konvenuti jew min minnhom minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta` osservanza tal-ligijiet u regolament vigenti.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m` ghandhiex ghar-ragunijiet kollha premessi :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom, b`mod solidali jew mod iehor, huma responsabbli tal-hsarat u danni kawzati fil-proprjeta` tal-attur Casa Salamanda, fi Triq l-Ghaqda, Santa Marija Estate, Mellieha meta waqt xoghlijiet ta` skavar li kienu qed jigu ezegwiti fis-sit numru 171, Triq il-Hena, f' Santa Marija Estate, Mellieha, giet kawzata hsara fil-proprjeta` tal-attur u dan minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta` osservanza tal-ligi u tar-regolamenti vigenti.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta` periti nominati mill-Qorti ghal dan l-iskop.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, solidalment jew mod iehor, sabiex ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat il-konvenuta Vella Group Limited fl-10 ta April 2012 li taqra :-

*1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*2. Illi in linea primarja ghandu jinghad illi prezentement, ghaddejja kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet Mark Schembri vs. Vella Group Limited, Rikors numru 366/2071 MC, id-decizjoni ta` liema kawza ser ikollha effett fuq il-proceduri odjerni stante illi l-fatti illi taw lok ghall hsarat li allegatament saru fil-proprjeta` tal-atturi, huma identici ghall-fatti imsemmija fil-kawza fuq riferita u ghalhekk din il-kawza tistenna l-ezitu tad-decizjoni fil-kawza l-ohra u timxi maghha.*

*3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` esponenti m`hijex illegittimu kuntradittur kif ser jigi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni, `il ghaliex il-hsara li giet allegatament ikkagunata fuq il-Villa tal-atturi grat meta l-konjugi Schembri, il-konvenuti l-ohra, kienu ttterminaw l-appalt li kienu taw lis-socjeta` esponenti u kienu qabbdu kuntrattur iehor floku kif serj jinghad iktar `il quddiem.*

*4. Illi s-socejta` esponenti kienet ghall-ewwel giet mqabbda mill-konvenuti Scehmbri sabiex thammel s-sit fejn l-konvenuti Schembri xtaqu jibnu l-Villa taghhom u biex wara t-thammil tinbena din il-Villa pero` meta t-thammil kien prattikament lest, il-konjugi Schembri kienu waqqfu s-socjeta` eccipjenti milli tkompli taghmel izjed xoghol u qabbdu minflokha lill-kuntrattur Louis Micallef biex jibni il-Villa hu; illi x-xoghlijiet kollha tat-thamil li kienet twettqet is-socjeta` eccipjenti qabel ma twaqqfet, kienu dejjem saru taht is-sorvelljanza tal-Perit imqabbad mill-konjugi Schembri.*

*5. Illi wara illi s-sit thammlet u giet ippreparata sabiex fuqha tibda tinbena l-villa minn kuntrattur iehor, ghamlet xita qawwija li kkagunat iz-zerziq tat-tafal vertikali (4 metri) tal-villa tal-atturi u meta gara hekk il-Perit tal-konvenuti Schembri, ossija Perit Xuereb, kif ukoll l-istess konvenuti Schembri kienu regghu talbu l-intervent tas-socjeta` esponenti, in estremis u fic-cirkustanzi tal-krizi li kienet inholqot wara li t-tkomplija tax-xoghol kien inghata lill-kuntrattur l-iehor li ma kienx kapaci u lanqas kellu l-ingenji biex jilqa` ghal din il-krizi. Infatti meta nholqot din il-krizi is-socjeta` esponenti kienet gja giet mitluba biex tieqaf mix-xoghlijiet u li tnehhi l-ingenji taghha minn fuq il-post, kif effettivament kienet ghamlet, xi gimgha qabel ma ghamlet ix-xita; il-kuntrattur l-iehor kien diga beda jahdem biex jibni l-platform fuq is-sit li kien gia imhammel u moghti z-zrar u bil-compaction lest, xoghol dan li sar mis-socjeta` esponenti fuq ordni tall-Perit tal-atturi u taht is-sorveljanza tieghu.*

*6. Illi minhabba l-krizi msemmija u billi l-kuntrattur li kien beda jibni l-platform tal-villa tal-konjugi Schembri ma kellux l-ingenji biex ikun jista` jirfed is-sit tal-konvenuti Schembri biex il-pedamenti tal-proprjeta` tal-atturi ma jibqux jizerzqu 'l isfel ghal gos-sit imsemmi u biex il-hsara ma tibqax tizdied billi regghet ghamlet xita qlil, l-konvenuti Schembri kienu flimkien mal-Perit minnhom imqabbad fil-paniku tal-krizi imsemmi regghu qabdu lis-socjeta` esponenti biex tixtri u twassal sas-sit kwantita` ta` blokkok tal-konkos sabiex dawn isservu ta` ilqugh biex il-villa ta` fuqha ma tibqax tizerzaq 'l isfel;*

*dawn il-blokkok tqieghdu fil-post mill-bennej il-gdid maghzul mill-atturi u l-haddiema tieghu, fil-prezenza tal-Perit Xuereb u taht is-sorveljanza tieghu pero` bl-ingenji tas-socjeta`esponenti li giet imqabbda tikrijhom lill-konvenuti Schembri u/jew il-kuntrattur gdid minnhom imqabbad.*

*7. Illi dan nonostante u wara gimgha li tlestew il-blokkok regghet ghamlet hafna xita bir-rizultat li baqa` jaqa` materjal minn taht il-villa tal-atturi bir-rizultat li l-istess villa baqghet tizzerzaq 'l isfel tant illi l-blokkok tal-konkos li kienu gew impoggija kif fuq intqal, gew sparati l-barra ghal go sit proprjeta` tal-konvenuti bir-rizultat illi l-atturi u l-Perit minnhom inkarigat kien talab l-intervent dirett tas-socjeta` esponenti biex din taghmel ix-xoghlijiet neccessarji biex il-villa tal-atturi u l-pedamenti taghha u l-materjal ta` taht il-pedamenti ma jibqax jizzerzaq fuq is-sit tal-konvenuti Schembri, liema xoghljiet kien jikkonsistu, fost ohrajn, fil-bini ta` rampa mill-pedamenti tal-villa tal-atturi ghal gos-sit in kwistjoni; dana biex il-villa ta`fuq, ossija tal-atturi tigi mirfuda u biex ir-rampa sservi ta` puntal ghal that il-villa imsemmija.*

*8. Illi minn dan ghandu jidher car illi l-intervent tas-socjeta` esponenti mhux talli ma rreka l-ebda danni lill-proprjeta`tal-atturi izda allahares ma sarx li sar mill-istess socjeta` eccipjenti ghax kieku il-Villa kollha kienet tiggarraf u l-intervent f`waqtu tas-socjeta` esponenti, fil-krizi li kienet inqalghet meta kemm il-Perit tal-konjugi Schembri kif ukoll il-kuntrattur il-gdid minnhom imqabbad, ma setghux isibu soluzzjoni ghal din il-krizi u kien biss l-intervent tas-socjeta` esponenti li salvat is-sitwazzjoni. Minn fuq, il-konjugi Schembri flok ma hallsu lis-socjeta` eccipjenti tal-xoghlijiet skabruzi u perikoluzi, minnha imwettqa u li minhabba l-istess gew evitati danni ferm u ferm akbar, irrifjutaw dan il-hlas, u aghar, fittxewha ghad-danni.*

*9. Illi wara li saret din ir-rampa u rega` dahal jahdem fuq is-sit l-kuntrattur il-gdid Louis u l-haddiema tieghu u dawn bdew jirfdu l-ispazju taht il-pool tal-villa tal-atturi, taht is-sorveljanza tal-perit tal-konvenuti Schembri l-uniku intervent tas-socjeta` eccipjenti kien biss li jforni l-blokkok godda li ordna l-Perit tal-istess konvenuti u li tikri l-ingenji taghha lill-kuntrattur il-gdid li ma kellux il-makkinarju neccessarju biex jahdem. B`dawn ix-xoghlijiet il-godda l-ispazju li kien ghadu jezisti bejn il-blokkok il-godda u l-pedamenti tal-villa tal-atturi intlew bil-konkos u l-pedamenti gew mirfuda u l-villa tal-atturi regghet issodat.*

*10. Illi circa gimghatejn wara li tlesta l-irfid tal-villa tal-atturi mill-kuntrattur il-gdid li gie mqabbad mill-konvenuti Schembri, u meta l-ingenji tas-socjeta` esponenti kienu tnehhew minn fuq is-sit tal-konvenuti Schembri billi ma kienx hemm izjed bzonnhom ghax ix-xoghol kien tlesta, is-socjeta` espoenti regghat giet mqabbda mill-konvenuti u l-Perit taghhom biex taghmel xoghlijiet ohra flimkien mal-kuntrattur l-iehor Louis sabiex il-blokkok l-antiki li kienu ntradmu u ma kienux ghadhom jaghmlu x-xoghol li kienu ntizi jaghmlu meta tpoggew jitnehhew minn posthom wahda wahda, tahthom issir trinka ghall-platform tal-konkos kif ordna l-Perit tal-konvenuti Schembri sabiex fuq dan il-platform jergghu jitqeddu l-istess blokkok bil-mili bejn dawn il-blokkok, bl-irbit tal-hadid u bil-konkos sabiex il-villa tal-atturi ma tergax tizzerzaq 'l isfel. Dawn ix-xoghlijiet saru fuq ordni tal-konvenuti Schembri u l-Perit taghhom, skont il-pjanti mahruga minnu.*

*11. Illi ghalhekk u in vista tas-suespost, din il-kawza qatt ma kellha tigi ntavolata kontra s-socjeta` esponenti stante illi kwalunkwe hsara illi soffrew l-atturi kienet imputabbli biss lill-konvenuti Schembri u nies li qabbdu huma biex jibnu l-Villa taghhom u/jew il-Perit/i li kienu qabbdu biex jissorveljaw ix-xoghlijiet liema periti, wara l-akkadut, gie lilhom itterminat l-inkarigu billi l-konjugi Schembri mbaghad qabbdu Perit iehor.*

*12. Illi inoltre, u in vista tas-suespost, ikun utli ghall-fini tal-gustizzja illi jigu msejhin fil-kawza ai termini tal-artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Perit David Xuereb, kif ukoll il-Bennej Louis Micallef u kwalukwe kuntrattur iehor li gie mqabbad mill-konvenuti Schembri biex jibnu l-Villa taghhom.*

*13. Illi inoltre, u kif gja gie spjegat iktar`l fuq f`din ir-risposta, ix-xoghlijiet li gew ezegwiti u li kkagunaw hsara fil-pixxina tal-atturi, kif allegat minnhom stess, qatt ma sehh da parti tas-socjeta` esponenti izda tal-kuntratturi godda li kienu qabbdu l-konvenuti Schembri. Kif gja gie spjegat, wara li s-socjeta` esponenti thammlet is-sit, giet rilaxxata mill-ftehim ta` appalt li kellha mal-konvenuti Schembri ossija li tibni l-Villa taghhom peress illi dawna sabu kuntratturi li kienu ser jaghmlu l-istess xoghol b`rati irhas. Fil-fatt qabel ma allegatament "giet spostat" il-pixxina tal-atturi, s-socjeta` esponenti kiene gja zarmat mis-sit u kien beda x-xoghol il-kuntrattur il-gdid. Is-socjeta` esponenti regghet giet mqabbda mill-konvenuti Schembri sabiex tissoda kwalunkwe dannu, minhabba x-xita qalil, kif gja spjegat, kif fil-fatt ghamlet.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Vella Group Limited.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti konjugi Schembri fl-20 ta` April 2012 li taqra :-

*1. Illi huwa minnu li l-esponenti eccipjenti huma sidien tas-sit numru mija u wiehed u sebghin (171) Triq il-Hena, Santa Marija Estate, Mellieha fuq liema sit illum giet mibnija dar.*

*2. Illi huwa minnu ukoll li dan is-sit okkupat illum mill-imsemmija dar jinsab imiss mill-parti ta` wara tieghu meta wiehed ihares lejh mit-triq pubblika ma` sit li fuqu hemm mibnija d-dar li ir-rikorrent jghid hija propjeta` tieghu.*

*3. Illi huwa minnu li s-sit tal-esponenti eccipjenti illum okkupat minn dar jinsab fuq livell aktar baxx mis-sit li fuqu hija mibnija d-dar li r-rikorrent qieghed jghid li hija tieghu.*

*4. Illi huwa minnu li f`Ottubru 2010 kienu qeghdin isiru xi xoghlijiet ta` skavar fis-sit proprjeta tal-esponenti eccipjenti mill-intimat l-iehor f'din il-kawza Vella Group Limited wara li din tal-ahhar kienet giet ikkuntrattata mill-esponenti eccipjenti lejn April tas-sena 2010 sabiex tezegwixxi xoghol ta` skavar taht id-direzzjoni tal-Perit u Inginier Civili David Xuereb.*

*5. Illi huwa minnu li waqt li kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet ta` skavar mis-socjeta` intimata Vella Group Limited fis-sit tal-esponenti eccipjenti sehhew xi spostamenti ta` materjal mis-sit li fuqu hemm mibnija d-dar li r-rikorrent jghid li hija tieghu. Sehh ukoll spostament ta` hamrija li kienet tinstab that il-pjattaforma tal-pixxina u tal-pedamenti li fuqhom isserrah l-istruttura li ggorr il-pixxina mibnija fl-istess sit. Izda hadd ma huwa f` pozizzjoni li jghid x`kien hemm fis-sottoswol fejn sehhew dan l-ispostamenti qabel mal-istess spostamenti sehhew.*

*6. Illi filwaqt li l-esponenti eccipjenti la jistghu jaqblu u lanqas jinnegaw li l-ispostamenti tal-materjal kienu konnessi ma` u sehhew in konsegwenza tax-xoghlijiet ta` skavar fis-sit proprjeta taghhom, liema skavar ma nbediex, tkompla u gie esegwit mill-intimat l-iehor f`din il-kawza Vella Group Limited kif mitlub mill-esponenti eccipjenti u mill-perit taghhom - u cioe` fil-bidu tas-sajf 2010 - l-istess esponenti eccipjenti jistqarru biss li huma qabdu nies kompetenti f'dan ix-xoghol wiehed - ossija l-intimat Vella Group Limited - sabiex jesegwixxi u l-iehor - ossija il-Perit David Xuereb – sabiex jissorvelja x-xoghol ta` skavar u ghalhekk huma ma jistghu qatt jinstabu jew jigu dikjarati responsabbli ta` xi traskuragini, negligenza, imperizija u nuqqas ta` osservanza tal-ligijiet u regolamenti vigente. Ghalhekk l-esponenti eccipjenti jitolbu li t-talbiet tar-rikorrenti konsistenti f` talba ghal dikjarazzjoni ta` responsabbilta` ghall-hsarat allegatament kkawzati fil-proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement ghall-kundanna ghall-hlas tal-ammont talvolta likwidat bhala danni, kwantu li huma diretti kontra l-esponenti eccipjenti, ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra r-rikorrent.*

*7. Illi meta l-esponenti eccipjenti accettaw il-parir tal-Perit mahtur u mqabbad minnhom li ghandhom isiru xi interventi sabiex jissahhew il-pedamenti li kienu gew esposti kawza tal-ispostamenti tal-materjal, liema interventi effettivament saru, ghamlu dan sabiex fl-ewwel lok jeliminaw kull perikolu li seta` inholoq u fit-tieni lok sabiex jimminimizzaw il-hsarat ikkawzati u dan indipendentement mill-kawza u raguni ghal dawn il-hsarat. Dan certament ma kienx agir negligenti, traskurat jew ta` imperizja u ma jista` qatt ikun ikkundannabbli jew jwassal ghal xi responsabbilta` ghal xi allegati hsarat.*

*8. Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li barra l-allegati hsarat fil-pixxina, il-proprjeta` tieghu allegatament garbet hsarat ohra konsidervoli kawza tax-xoghlijiet ta` skavar u li rrendew l-istess proprjeta` mhux abitabbli, l-esponenti eccipjenti, apparti li jtennu li l-kawza ghal dak li gara ghad trid tigi stabbilita u determinata u li huma qabdu nies kompetenti sabiex jesegwixxu u jissorveljaw ix-xoghlijiet ta` skavar u ghalhekk qatt ma kienu f` xi stadju jew okkazjoni traskurati, negligenti jew mankanti fl-osservanza ta` xi ligijiet jew regolamenti, jissottomettu u jecepixxu li dawn l-allegazzjonijiet ta` hsara fil-proprjeta` oltre l-pixxina u ta` inabitabbilta` tal-istess proprjeta` jridu jigu ppruvati perrnezz ta` provi konkreti u oggettivament riskontabbli.*

*9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti konjugi Schembri.

**Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-27 ta` Lulju 2020 fejn, skont kif kienet diretta taghmel bid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fl-20 ta` Lulju 2020, ordnat il-kjamata fil-kawza tal-Arkitett u Inginier Civili David Xuereb f`ismu proprju u f`isem id-ditta professjonali ta` Arkitetti, Inginiera Civili u Structural Consultants David Xuereb and Associates.**

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-kjamat fil-kawza pro et noe fl-10 ta` Dicembru 2020 li taqra hekk :-

*1. Preliminarjament illi l-azzjoni hija prekritta fil-konfront tieghu ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijlet ta` Malta.*

*2. Minghajr pregudizzju, illi l-esponent gie notifikat bl-atti fit-23 ta` Novembru 2020, meta din il-kawza kienet ben matura u meta, addirittura miz-zewg risposti orginali tal-konvenuti originali, gja kien ben indikat, anzi mitlub, illi l-esponent jigi kjamat in kawza, izda jidher illi hadd mill-partijiet ma nsista fuq dan hlief fl-istadju avvanzat tal-kawza, u una volta kjamat in kawza issa, l-esponent qieghed jirrizerva d-drittijiet procedurali kollha tieghu skont il-ligi kif kontemplat fl-Artiklu 962 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Ukoll minghajr pregudizzju, illi fi kalunkwe kaz l-esponent ma jahti ghall-ebda danni allegatament soffefti mill-attur noe., kif ghad irid jigi, jekk ikun oppotun, ippruvat ahjar fil-kors tal-kawza.*

*4. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-kjamat fil-kawza.

**Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Jannar 2021, fejn il-partijiet inghataw direzzjoni li kellhom isiru provi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawza pro et noe sabiex tinghata sentenza limitatament dwar din l-eccezzjoni.**

**Rat illi fl-istess udjenza, ghar-rigward tal-provi tal-partijiet dwar l-istess eccezzjoni, kien dikjarat mill-kjamat fil-kawza li kien se joqghod fuq il-provi li diga` jinsabu fl-atti. L-istess posizzjoni hadu l-konvenuti konjugi Schembri. <u>Min-naha tal-attur noe, kien dikjarat li f`ebda stadju, qabel is-27 ta` Lulju 2020, ma kien ipprezenta atti gudizzjarji kontra l-kjamat fil-kawza</u>.**

Rat il-provi u l-atti l-ohra.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-7 ta` Jannar 2021 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawza.

## II. <u>Provi</u>

Sal-lum jista` jinghad li l-gbir tal-provi sar mill-periti gudizzjarji. Hemm referenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti fir-rapporti taghhom. A skans ta` repetizzjoni, il-qorti tirreferi ghal dak li nghad fir-rapporti tal-perit gudizzjarji.

## III. <u>L-Art 2153 tal-Kap 16</u>

Fl-eccezzjoni in kwistjoni l-kjamat fil-kawza pro et noe eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici abbazi tal-Art 2153 tal-Kap 16.

Id-disposizzjoni taqra :

*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

Ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghal danni :

(a) azzjoni dwar hsarat li jigu minn ghemil li jikkostitwixxi reat. F`dan il-kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat ;

(b) azzjoni ghall-hsarat li jigu minn delitt jew kwazi delitt (il-*culpa aquiliana*) f`liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn [Art 2153 tal-Kap 16] ; u

(c) azzjoni ghall-hsarat li jigu minn inadempjenzi gejjin minn kuntratt, li ma jkun redatt f`att pubbliku, f`liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin.

[ara : **Qorti tal-Appell : 27 ta` April 1953 : Joseph Micallef noe v. Carmelo** Cassar (Kollez. Vol: XXXVII.i.140)]

## IV. Konsiderazzjonijiet

**Il-qorti hija tal-fehma li bejn l-attur noe u l-kjamat fil-kawza pro et noe l-unika relazzjoni guridika li jista` jkun hemm hija dik naxxenti minn fatti jew cirkostanzi li jahseb ghalihom l-Art 2153 tal-Kap 16, ladarba dak odjern mhuwiex kaz ta` hsara li giet minn reat, kif lanqas ma huwa kaz li gie minn ksur ta' patt kuntrattwali.**

Billi l-preskrizzjoni eccepita mill-kjamat fil-kawza pro et noe hija estintiva tal-azzjoni attrici, jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitu*r.

Ighidu l-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** :

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere* … (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione : Cap XII. Par 364 pag 279).

Izjed 'il quddiem (Para 393 bis pag. 306) izidu jghidu illi :

"*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"

**Ghall-fini tad-decizjoni tal-lum, ghandha <u>rilevanza u piz qawwi</u> d-dikjarazzjoni li ghamel l-attur noe fl-udjenza tas-7 ta` Jannar 2021 fejn irrileva li f`ebda stadju, qabel is-27 ta` Lulju 2020, ma pprezenta atti gudizzjarji kontra l-kjamat fil-kawza pro et noe.**

**<u>Mhux kontestat</u> li l-kjamat fil-kawza pro et noe sar parti fil-kawza odjerna bhala konsegwenza ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta` Lulju 2020, liema decizjoni twettqet minn din il-qorti fl-udjenza tas-27 ta` Lulju 2021.**

Il-qorti tirriafferma li l-binarji tal-kawza huma mpostati mill-attur. Il-kawza timxi fuq id-direzzjoni li jaghtiha l-attur. Ikunx harrek tajjeb lill-persuni li jkun indika bhala kontraditturi tieghu, jew jirnexxielux jiskarika l-piz tal-prova sal-grad rikjest mil-ligi, huma konsiderazzjonijiet li tkun trid taghmel il-qorti meta finalment tigi biex taghti d-decizjoni taghha dwar il-mertu.

**Wara li rat l-atti, in partikolari l-provi, huwa bil-wisq evidenti li l-azzjoni ntavolata mill-attur noe kienet l-*actio aquiliana.***

Sa mill-bidu nett, l-attur noe ghazel li jindirizza l-azzjoni kontra l-konvenuti konjugi Schembri u kontra l-konvenuta Vella Group Limited.

**Qatt ma kellu l-icken hsieb li jindirizza l-azzjoni kontra dak li llum huwa l-kjamat fil-kawza pro et noe. Propju ghalhekk saret id-dikjarazzjoni mill-attur noe fl-udjenza tas-7 ta` Jannar 2021.**

Ghal din il-qorti, huwa evidenti li l-attur noe qatt ma ried jaddossa *culpa aquiliana* lill-kjamat fil-kawza pro et noe. Fil-fatt mhux biss qatt ma harrku bhala konvenut izda lanqas ipprezenta att gudizzjarju kontra tieghu, imqar sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni tal-azzjoni kontra tieghu.

Il-qorti tkompli tirrimarka li **<u>mkien</u>** fl-atti ma jirrizulta li da parti ta` l-kjamat fil-kawza pro et noe kien hemm xi accettazzjoni,

rikonoxximent jew ammissjoni ta` responsabilita` ta` xi xorta ghall-hsara li garrab l-attur noe. Kif inghad minn dawn il-qrati fid-decizjonijiet taghhom, gharfien u/jew stqarrija tal-jedd tal-attur, sabiex isservi bhala raguni ghall-ksur tal-preskrizzjoni, trid tkun cara u mhux mahsuba jew implikata minn kliem jew eghmejjel vagi [ara : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 29 ta` April 1976 : **<u>Joseph Carabott et v. Lorenzo Decelis</u>**]

**L-eccezzjoni qeghda tkun milqugha.**

**V. <u>Spejjez</u>**

L-Arkitett u Inginier Civili David Xuereb f`ismu proprju u f`isem id-ditta professjonali ta` Arkitetti, Inginieri Civili u Structural Consultants David Xuereb and Associates kien ikkjamat fil-kawza mill-konvenuti konjugi Schembri. L-attur noe esprima ruhu kontra s-sejha fil-kawza. Ladarba li tirrizulta fondata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamat fil-kawza, l-ispejjez relatati ma` din id-decizjoni ghandhom ikunu a kariku tal-konvenuti konjugi Schembri.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawza pro et noe.**

**Tiddikjara preskritta l-azzjoni attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza pro et noe a tenur tal-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tichad it-talbiet tal-attur noe kif dedotti kontra l-kjamat fil-kawza pro et noe.**

**Tillibera lill-kjamat fil-kawza pro et noe mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tordna lill-konvenuti konjugi Schembri sabiex ihallsu l-ispejjez kollha relatati ma` din id-decizjoni.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**